



Id-djalogu soċjali fuq il-post tax-xogħol fl-Ewropa: Analiżi tal-Istħarriġ tal-Kumpanija Ewropea tal-2009

Sommarju eżekuttiv

Introduzzjoni

Il-mudell soċjali Ewropew huwa bbażat fuq kwistjonijiet kemm dwar l-effiċjenza ekonomika kif ukoll dwar il-kwalità tax-xogħol. Dan ir-rapport se jfjoka fuq id-djalogu soċjali li jseħħ fuq il-post tax-xogħol. B'mod aktar speċifiku, jikkonċerna l-forom ta' rappreżentazzjoni tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari t-trejdjunjins u l-kunsilli tax-xogħol.

Ir-rapport juża data mill-Istħarriġ tal-Kumpaniji Ewropej tal-2009 (ECS 2009). Dan l-istħarriġ tal-postijiet tax-xogħol b'10 impjegati jew aktar twettaq f'madwar is-27 Stat Membru tal-UE u l-pajjiżi kandidati, jiġifieri l-Kroazja, l-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u t-Turkija.

Id-djalogu soċjali jista' jfeġġ minn rieda li tiġi estiża d-demokrazija għewwa l-post tax-xogħol jew bħala kontrapjiz għal żbilanċ perċeput fis-setgħa fir-relazzjoni tal-impjegat. Deċiżjoni għat-tnedija ta' djalogu soċjali tista' tittieħed ukoll minħabba kalkolu tal-ispejjeż u l-benefiċċji li fih jiġu ppeżati kwalunkwe spejjeż ta' konsegwenza kontra l-benefiċċji potenzjali bħal produttività tax-xogħol miżjuda.

Fil-livell makro, il-fatturi relevanti jinkludu sa fejn jasal l-intervent tal-gvern, il-livell dominanti ta' negozjar kollettiv u sa fejn jasal l-appoġġ legali għall-istituzzjonijiet li jirrapreżentaw lill-impjegati. Fil-livell meso, il-fatturi relevanti jinkludu n-natura tal-prodott jew servizz li jkun qed jiġi pprovdut u l-grad ta' kompetizzjoni fis-suq tal-prodott. Fil-livell mikro, il-fatturi relevanti jinkludu: id-daqs tad-ditta; l-età tad-ditta; is-sjeda tad-ditta; in-natura tal-produzzjoni jew il-forniment tas-servizz; il-preferenzi tal-impjegatur; u l-karatteristiċi tal-forza tax-xogħol.

Sejbiet ewlenin

L-analiżi tuża data kemm minn dawk li wiegħbu min-naħa tal-maniġment kif ukoll minn dawk li wiegħbu min-naħa tar-rappreżentazzjoni tal-impjegati għall-ECS 2009. Firxa

ta' elementi ta' data esterna għet imqabbla mad-data tal-ECS 2009 sabiex jinftehem aħjar id-differenzi f'sa fejn tasal u n-natura tar-rappreżentazzjoni fuq il-post tax-xogħol bejn il-pajjiżi u s-setturi. Intużaw metodi ta' rigressjoni multivarjata sabiex tiġi identifikata l-assoċjazzjoni indipendenti bejn eżitu partikolari u karatteristika speċifika.

L-ECS 2009 huwa sors ta' data rikka dwar il-prattiki tal-post tax-xogħol u tad-djalogu soċjali. Madanakollu, ma jippermettix l-identifikazzjoni tal-influenzi kollha fuq il-preżenza jew in-natura tad-djalogu soċjali fuq il-post tax-xogħol. Peress li d-data tal-ECS 2009 hija trasversali fin-natura tagħha, ir-riżultati tar-rigressjoni jridu jiġu interpretati bħala assoċjazzjonijiet kundizzjonali, minflok effetti kawżali.

Madwar terz (34%) tal-postijiet tax-xogħol b'10 impjegati jew aktar għandhom trejdjunjin jew kunsill tax-xogħol imwaqqfin. Teżisti varjazzjoni konsiderevoli bejn il-pajjiżi: ir-rata hija ogħla minn 55% fid-Danimarka, fl-Isvezja u l-Finlandja, iżda hija inqas minn 20% f'pajjiż bħat-Turkija, il-Greċja u l-Portugal. Varjazzjonijiet sostanzjali jeżistu wkoll skont is-settur tal-industrija u d-daqs tal-post tax-xogħol. Ħafna minn dawn il-karatteristiċi huma relatati mal-preżenza jew l-assenza ta' trejdjunjin jew kunsill tax-xogħol.

Ir-rappreżentazzjoni fuq il-post tax-xogħol hija aktar prevalenti f'pajjiżi fejn jiddomina n-negozjar nazzjonali jew settorjali. Hija ogħla anki f'pajjiżi b'livelli aktar estensivi ta' appoġġ leġiżlattiv għar-rappreżentazzjoni fuq il-post tax-xogħol. Fir-rigward tal-influenzi fil-livell tal-industrija, ir-rappreżentazzjoni minn trejdjunjin hija aktar estensiva f'industriji b'livelli ogħla ta' profittabilità. Intwera li r-rappreżentazzjoni tal-impjegati hija aktar probabli f'postijiet tax-xogħol akbar; f'dawk li jappartjenu għal organizzazzjonijiet kbar jew is-settur pubbliku; u f'dawk li riċentement għaddew minn bidla organizzazzjonali.

Ir-relazzjoni identifikata bejn il-prattiki tad-djalogo soċjali u d-daqs jew is-settur tal-post tax-xogħol tas-sjeda diġà għet suġġerita mil-letteratura ta' riċerka. Sa issa, sejbiet oħrajn bħall-assoċjazzjoni ma' livelli ta' negozjar intwerew b'mod inqas estensiv.

Madwar 80% tar-rappreżentanti jaqblu li l-impjegaturi jipprovduhom biżżejjed ħin liberu mħallas sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom. Bħala medja, ir-rappreżentanti f'pajjiżi b'intitolament legali għal ħin liberu mħallas għandhom tendenza ta' 15% aktar li jgħidu li l-ħin liberu tagħhom huwa biżżejjed. Ir-rappreżentanti ta' postijiet tax-xogħol akbar huma inqas probabbli li jikkunsidraw li għandhom biżżejjed liv, u bl-istess mod anki dawk ta' postijiet tax-xogħol li riċentement esperjenzaw bidliet fil-prattiki tar-riżorsi umani.

Xi 77% tar-rappreżentanti jingħatalhom tagħrif, tal-inqas darba fis-sena, kemm dwar is-sitwazzjoni ekonomika kif ukoll dwar dik tal-impjegati tal-kumpanija. L-għoti ta' tagħrif huwa aktar komuni f'pajjiżi b'appoġġ statutorju inqas estensiv sabiex jattivaw rappreżentazzjoni minn kunsill tax-xogħol. Jista' jkun li d-drittijiet għal tagħrif huma mfittxija jew infurzati b'mod aktar rigoruż f'dawn il-pajjiżi.

Il-forniment ta' tagħrif huwa aktar probabbli fi stabbilimenti indipendenti waħedhom milli f'organizzazzjonijiet b'bosta siti. Dan jissuġġerixxi li l-faċilità ta' aċċess għat-tagħrif u sa fejn jasal il-kontroll maniġerjali jistgħu jkunu fatturi importanti li jsawru l-imġiba tal-impjegaturi. Il-forniment huwa aktar probabbli wkoll f'postijiet tax-xogħol b'sehem għoli ta' ħaddiema tas-sengħa.

B'mod ġenerali, madwar terz (34%) tar-rappreżentanti jaħdmu fi stabbilimenti fejn: (a) iquisu li l-maniġers u r-rappreżentanti jagħmlu sforzi sinċiera sabiex isolvu problemi komuni; u (b) il-maniġer ma jiddikjarax preferenza għal konsulenza diretta mal-impjegati. Bħala medja, il-punteġġ huwa ogħla f'pajjiżi fejn hemm appoġġ leġiżlattiv aktar estensiv għar-rappreżentanti tal-impjegati, għad li l-assoċjazzjoni hija apparenti biss għar-rappreżentanti tal-kunsilli tax-xogħol.

Ġeneralment, ir-rappreżentanti tal-kunsilli tax-xogħol għandhom probabbiltà akbar li jkollhom relazzjoni kostruttiva mal-maniġers milli mar-rappreżentanti ta' trejdnunjin. Din l-assoċjazzjoni tista' tirrifletti probabbiltà ogħla li l-unjins jinvolvu ruħhom

fin-negozjar tal-pagi, restrizzjonijiet f'ċerti pajjiżi fuq l-abilità tal-kunsilli tax-xogħol sabiex iniedu azzjoni industrijali u/jew preferenzi maniġerjali għal tipi partikolari ta' rappreżentazzjoni.

Skont il-qafas teoriku, l-għoti ta' ħin liberu lir-rappreżentanti, il-forniment ta' tagħrif u l-karattru tar-relazzjoni bejn il-maniġment u r-rappreżentazzjoni kollha kemm huma nstabu li jappoġġjaw livelli akbar ta' influwenza min-naħa tar-rappreżentanti. L-analiżi tidentifika xi komponenti li jidhru jikkontribwixxu għal djalogo soċjali sinifikattiv, f'termini ta' sa fejn ir-rappreżentanti tal-impjegati għandhom rwol sostanzjali fit-teħid ta' deċiżjonijiet fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk, l-analiżi tikkontribwixxi għal fehim aħjar tal-prevalenza u n-natura tad-djalogo soċjali tal-post tax-xogħol fl-Ewropa.

Il-provi jissuġġerixxu li billi l-ħaddiema jingħataw leħen, il-forom ta' rappreżentazzjoni tal-impjegati jistgħu jnaqqsu r-rata ta' tluq' (ir-rata li biha n-nies qed jittilqu l-impjeg tagħhom). Il-provi huma kemxejn sperimentali. Barra minn hekk, id-direzzjoni tal-kawżalità ma tistax tintwera bid-data disponibbli. Minkejja dan, is-sejbiet tagħna huma ġeneralment konformi mal-provi limitati eżistenti mill-istudji ta' pajjiżi individwali.

Suġġerimenti tal-politika

Dan l-istudju jikseb żewġ konklużjonijiet ċentrali. L-ewwel waħda hija li l-għodod politiċi, bħall-appoġġ leġiżlattiv għar-rappreżentazzjoni tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol, jista' jkollhom influwenza fil-prattika ta' gwida. Jistgħu jinstabu bosta sitwazzjonijiet li fihom l-ambjent istituzzjonali jew il-qafas leġiżlattiv innifsu jkunu assoċjati ma' sa fejn jasal u n-natura tad-djalogo soċjali tal-post tax-xogħol.

Madanakollu, fl-istess ħin wieħed irid jirrikonoxxi li dawk li jfasslu l-politiki għandhom kapaċità limitata sabiex jippreskrivu dwar din il-kwistjoni. Dan għaliex sa fejn jasal u n-natura tad-djalogo soċjali fuq il-post tax-xogħol huma marbutin b'mod ċar ma' firxa wiesgħa ta' karatteristiċi tal-post tax-xogħol u tal-forza tax-xogħol. L-ispejjeż u l-benefiċċji tad-djalogo soċjali jistgħu jidhru differenti f'għajnejn partijiet differenti. Diffiċilment jista' jiġi determinat minn qabel x'inhuwa soċjalment ideali. Dan jimplika li kwalunkwe interventi ġodda għandhom ikunu minimalisti. L-impatt tagħhom għandu jiġi evalwat u mbagħad valutat mill-ġdid.

Għal aktar tagħrif

Ir-rapport *Workplace employee representation in Europe* (Ir-rappreżentazzjoni tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol fl-Ewropa) huwa disponibbli fuq <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1214.htm>

Għal aktar tagħrif, ikkuntattja lil Carlos Vacas, Uffiċjal tar-Riċerka, cva@eurofound.europa.eu